MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-28 ta' Lulju, 2004

Rikors Numru. 135/2002/1

**Fl-atti ta' l-ittra uffiċjali tat-28 ta' Ottubru 2001, fl-ismijiet,**

**It-Tabib Prinċipali tal-Gvern**

**vs**

**MOTHERWELL BRIDGE (MALTA) LIMITED**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors imressaq fit-13 ta' Novembru, 2001, li bih il-kumpannija Motherwell Bridge (Malta) Ltd. ippremettiet;

Illi l-esponenti rċeviet ittra uffiċjali mingħand l-intimat sabiex tħallas is-somma ta' seba' mija u ħamsa u erbgħin Lira (Lm745) servizzi reżi lil Stanimir Begovic li weġġa

Malta waqt li kien qiegħed fuq kuntratt ta' *locatio operis* għall-perjodu ta' sena mal-esponenti.

Illi l-esponenti topponi t-talba għall-ħlas peress li m'għandha ebda relazzjoni ġuridika mal-intimat semmai il-pretensjoni missha ġiet indirizzata lejn l-istess Begovic li għadu Malta.

Għaldaqstant l-esponenti titlob li t-talba tat-Tabib Prinċipali tal-Gvern kif dedotta fl-ittra uffiċjali tat-28 ta' Ottubru 2001 mibgħuta lill-esponenti tiġi ddikjarata bħala nfondata.

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimat Tabib Prinċipali tal-Gvern fil-25 ta' Frar, 2002, li biha eċepixxa;

Illi preliminarjament ir-rikors tas-soċjeta' rikorrenta ġiet ppreżentat fuori termine stante t-trapass ta' għoxrin ġurnata minn notifika ta' l-ittra uffiċjali u dan ai termini ta' l-Artikolu 446 (2) tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12).

Għaldaqstant l-esponent in vista tal-premess umilment jitlob lil Dina l-Onorabbli Qorti jogħoġobha tiċħad it-talbiet tas-soċjeta' rikorrenta bl-ispejjeż.

Rat is-Sentenza preliminari mogħtija fil-25 ta' Settembru, 2003, li biha l-Qorti ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni tal-intimat;

Rat in-Nota mressqa mill-intimat fis-17 ta' Ġunju, 2004, li biha "qed jiddikjara illi ma għandu jieħu xejn mingħand Motherwell Bridge (Malta) Limited";

Rat il-Verbal tas-smiegħ tal-lum stess li fih, u fid-dawl tan-Nota hawn fuq imsemmija, il-Qorti ddikjarat eżawrit il-mertu tar-rikors u l-kumpannija rikorrenti iddikjarat li ma kellhiex teħel l-ispejjeż tal-proċedura preżenti;

**Ikkunsidrat:**

Illi din il-proċedura nbdiet wara li l-kumpannija rikorrenti kienet irċeviet ittra uffiċjali b'talba mingħand l-intimat bi pretensjoni ta' kreditu. Din il-proċedura kellha tinbeda jekk kemm-il darba l-kumpannija rikorrenti riedet ma tħallix isir eżekuttiv il-kreditu pretiż mill-intimat fl-imsemmija ittra uffiċjali;

Illi sa mill-bidu , l-kumpannija rikorrenti ikkontestat li hija qatt kienet debitriċi tal-intimat f'xi parti mill-kreditu pretiż;

Illi bin-Nota tiegħu tas-17 ta' Ġunju, 2004, l-intimat ġie li irrinunzja għall-pretensjoni tiegħu kif kontenuta fl-ittra uffiċjali tiegħu tat-28 ta' Ottubru, 2001, liema rinunzja saret wara li kellha tinbeda din il-proċedura u mingħajr ma ntwera (mill-intimat) li l-kumpannija rikorrenti kienet wettqet xi ħlas ta' xi biċċa mill-kreditu pretiż;

Illi għalhekk, ma jista jkun hemm l-ebda dubju li dak li wassal lill-intimat biex jiddikjara li m'għandu jieħu xejn mingħand il-kumpannija rikorrenti kien imnissel minn xi raġuni li kienet indipendenti minn, u x'aktarx preċedenti, għall-proċedura preżenti;

Fi kliem ieħor, jirriżulta li l-kumpannija rikorrenti; mġegħla biex tressaq ir-Rikors tagħha minħabba t-termini rigorużi tal-Liġi, kellha tagħmel tali proċeduri għal xejn b'xejn u intortament;

Fid-dawl ta' din iċ-ċirkostanza, il-Qorti ssib li ma hux xieraq li l-kumpannija rikorrenti tbati l-konsegwenzi ta' għamil li kienet kostretta li twettaq : ma hux skond il-ħaqq li, għall-għamil (jew nuqqas) tal-intimat, iġġarrab piż mhux dovut;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

Filwaqt li tastjeni milli tqis il-mertu tat-talba magħmula fir-Rikors promotur, billi l-istess mertu ġie eżawrit:

Tordna li l-intimat ibati l-ispejjeż tal-kawża.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------